TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 95/14-F

**Rose Mills**
**vs**
**GO P.l.c.**

Illum 13 ta' Ġunju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-5 ta' Mejju, 2014 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u disgħa w sittin ewro (€169), rappreżentanti servizz ħażin provdut mis-soċjeta' ntimata fuq il-*mobile phone* tar-rikorrenti.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi s-servizz li abbonat għalih ma kienx ta' kwalita' tajba għax fuq tliet numri partikolari ma kinux deħlin SMSs.

Illi s-soċjeta' ntimata ssottomettiet li l-*overseas partner* tagħha ikkonkludiet li ma kien hemm xejn ħażin.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jinnota li kien hemm ftit dewmien daparte tas-soċjeta' ntimata sabiex tipprova ssolvi din il-problema.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna illi l-kuntratt jiġi ikkanċellat, b'hekk ma tħallasx l-aħħar sitta w għoxrin ewro (€26) tal-kuntratt, u tordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħamsin ewro (€50), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070, FAX: (+356) 21239888